# Dun Gwann Andrea Vella
## b'rabta max-xogħol tal-bizzilla f'Ta' Sannat

*Consiglia Azzopardi M.Phil. Ph.D.*

Din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju mill-mewt ta' Dun Ġwann Andrea Vella, id-disa' kappillan ta' Sannat, li mexxa l-parroċċa mill-1863 sal-1916. Mons Joseph Bezzina jġib profil dettaljat tiegħu fil-ktieb *Sannat Fi Ġrajjiet Għawdex*. Kienet ħajja minsuġa mal-kultura tal-bizzilla li kienet qed tiżviluppa fi gżiritna dak iż-żmien.
Twieled in-Nadur Għawdex nhar l-4 ta'April 1834 u kien ordnat saċerdot nhar id-19 ta' Diċembru 1857 mill-Isqof ta' Malta, l-Għawdxi Gaetano Pace Forno. Fil-bidu tas-sena 1863, il-parrukkat ta' Sannat kien vakanti minħabba l-ħatra tal-kappillan Dun Franġisk Borg bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ. Dun Ġwann Andrea nstab l-aktar wieħed li jixraqlu jimla dak il-post minn fost dawk li applikaw għalkemm kien għad lanqas kellu 30 sena, u nhar t-3 ta' Mejju 1863 ingħata l-pussess. Is-Sannatin laqgħuh bil-ferħ u għamlu festa doppja billi dakinhar ukoll, l-Arċipriet tal-Matrici Mikiel Buttigieg kien ikkonsagrat f'Ruma bħala Isqof Awżiljarju ta' Pace Forno għal Għawdex. Iżda l-Papa Piju IX ħa iżjed minn sena biex fl-aħħar qata' xewqet l-Għawdxin li Għawdex isir djoċesi, meta f'Settembru 1864 ħatar lill-Isqof Buttigieg bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex.




*Il-qabar fil-knisja tal-Arċ. Andrea Vella*

### Ta' Sannat fil-bidu ta' żmien il-Kappillan Vella
In-nies kienu jsejħulu sempliċement Dun Indrì. Fir-raħal kien hawn knisja waħda biss, il-parroċċa, u fl-inħawi tal-Munxar fi Triq Ras il-Bajjada kien hemm kappella privata. Barra l-kappillan kien hawn erba' saċerdoti oħra, imma l-ebda wieħed minnhom ma kellu l-fakultà li jqarar. Parroċċani fl-età tat-tqarbin kien hawn 797. Fl-1869 kien għad m'hawnx skola u ma kien hawn l-ebda għalliem fir-raħal u lanqas kien hawn qwiebel. Għall-bżonn wieħed kien jinqeda mir-Rabat. Il-Kappillan kellu jieħu f'idejh it-tagħlim nisrani għaż-żgħar u l-kbar bil-katekiżmu fil-Ħdud u l-festi.
Il-finanzi tal-knisja xejn ma kienu ċerti. Id-dħul kien jiddependi mill-offerti tal-parroċċani, mill-ġbir tal-maħlut u tal-qoton bieb bieb, jissejħu rakkolti. Id-dħul mhux kull sena kien l-istess, kien skont ma jagħti l-wiċċ tar-raba' u jiddependi wkoll mis-swieq tal-qoton barra minn Malta. Imma n-nies dejjem ħabbewha 'l-knisja. Għalkemm skola ma kinux jafu, kellhom is-sengħa, u kienu jaħdmu minn qalbhom, b'xejn jiġifieri bla ħlas, speċjalment nhar ta' Ħadd jew festa biex jgħinu kemm jistgħu fil-knisja, in-nisa mid-dar u l-irġiel minn fuq il-post madwar il-kappillan. Kien ikun jonqos biss li l-Kappillan ikun inġenjuż (illum ngħidu kreattiv) biex jivvinta kif jiġbor il-fondi meħtieġa. Imma Dun Indrì kien ġej mir-razza tal-merkanti. Andrej Falzon min-Nadur, aktarx in-nannu tiegħu u hu msemmi Indrì għalih. Fl-1769 kellu negozju tad-drappijiet, ħwejjeġ tal-qoton minsuġin Għawdex, xi bizzilla u kien isiefer bix-xogħol lejn Spanja.

### Jibdew jinqalgħu d-diffikultajiet
Sa mill-bidu nett deher li l-ħidma tiegħu kienet se tkun waħda diffiċli minħabba li l-knisja kienet fi stat ħażin ħafna. Kien ilha tinħass il-ħtieġa li tissewwa u kull sena kienu qed jintefqu ħafna spejjeż biex isewwu l-bjut qabel tidħol ix-xitwa. Fil-fatt il-Kappillan Dun Alessandru Cauchi (1832–1862), miet kaġun tal-qatgħa li kien ħa meta sajjetta daħlet ġol-knisja waqt li kien iqarar. Dun Indrì fehem li ma jistax ikun jibqgħu sejrin hekk u wara li kien ilhom is-snin itellgħu u jniżżlu qatgħuha li jagħmlu bidla mill-qiegħ – proġett li kellu jieħu fit-tul u nistgħu ngħidu, li fforma l-ħidma prinċipali mwettqa minnu matul il-parrokkat twil tiegħu ta' 'l fuq minn ħamsin sena.



*Terħa tal-altar tal-kor. Fiha s-simboli ta' Santa Margerita; kuruna, salib, palma u ġiljuwa.*

Kien għadu lanqas beda meta f'Malta tfaċċat il-marda tal-kolera wara li kien ilha x-xhur tattakka 'l-pajjiżi tal-Mediterran. Kienet marda tittieħed u jaħsbu li daħlet f'Malta mat-traffikar tal-qoton lejn nofs is-sena 1865 minkejja l-miżuri ta' kwarantina li ħadu l-Ingliżi. L-ewwel każ f'Għawdex kien fix-Xewkija u t-tieni kien f' Ta' Sannat irrappurtat nhar it-28 ta' Lulju, b'Karmela Bajada tifla ta' 10 snin. Bezzina fl-istorja ta' Sannat iġib dettalji ta' dawk li mietu f'din l-imxija u jgħid li l-aħħar każ f' Ta' Sannat kien f'Settembru. B'kollox 40 kienu ġew infettati u fosthom mietu 25, 7 irġiel u 18-il mara bl-etajiet minn tarbija sa 80 sena, fosthom il-ġenituri tat-tifla Karmela Bajada. Dan kien ifisser 'faqar kbir' li waqa' fuq ir-raħal minħabba l-iżolament mill-familji infettati, il-qerda bil-ħruq tad-drappijiet u nsiġ tagħhom, it-trażżin tan-negozju u l-ħafna biża' li jittieħdu, fosthom il-kappillan li kien imur jassisti bis-sagramenti lill-moribondi infettati. Lanqas id-dfin ma kien isir fil-parroċċa, imma kienu jittieħdu fiċ-ċimiterju tal-Għonq fir-Rabat. Meta għadda kollox u f'Ottubru Għawdex kien iddikjarat ħieles mill-kolera, il-Kappillan Vella għamel quddiesa ta' radd il-ħajr.

**Ta' Sannat wara t-twaqqif tad-djoċesi**

L-avveniment importanti tad-djoċesi Għawdxija hu marbut mal-ħatra ta' Dun Indrì bħala l-Kappillan ta' Sannat. Qabel it-twaqqif tad-djoċesi kienu jgħaddu s-snin biex ikun hawn vista mill-Isqof ta' Malta, imma bħala djoċesi ġdida l-visti pastorali bdew isiru spissi. Kienet issir tħejjija fil-parroċċa minn żmien qabel, iduru dawra l-oġġetti u l-abiti sagri tal-knisja u wkoll isiru oħrajn ġodda, fuq kollox jorganizzaw laqgħa ta' merħba kif jixraq lill-Isqof.

L-ewwel vista saret nhar it-8 t'April 1866 mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Mikiel Buttigieg, l-ewwel Isqof ta' Għawdex. It-tieni vista saret fis-17 ta' Ottubru 1869 din id-darba mit-tieni Isqof ta' Għawdex is-Saċerdot Malti Anton Grech Delicata. Nhar it-8 t'April 1877, is-Saċerdot Għawdxi Dun Pietru Pace, li kien ħadem kemm felaħ biex jara sseħħ id-djoċesi, kien ikkonsagrat bħala t-tielet Isqof tal-gżira. Sena wara beda vista pastorali u nhar id-19 ta' Lulju 1883 għamel it-tieni vista tiegħu. Meta l-Isqof Pietru Pace laħaq Isqof ta' Malta, il-Patri Agostinjan Ġwann Marija Camilleri nħatar ir-raba' Isqof ta' Għawdex. Dan għamel mhux inqas minn għaxar visti pastorali, disgħa minnhom fi żmien it-tmexxija tal-Kappillan Vella.



F'kull vista pastorali kien jiġi miktub rapport b'dak kollu li l-Isqof ikun sab fil-parroċċa, u s-suġġerimenti li jkunu saru lill-Kappillan. Minn dawn ir-rapporti toħroġ ħafna informazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-parroċċa f'dak iż-żmien. Hekk nafu, per eżempju, fuq il-bizzilli li kienu jinħadmu għall-knisja min-nies tal-parroċċa, u li l-Kappillan kien jagħmel ir-rakkolta tal-bizzilla.

**Ir-rakkolta tal-bizzilla**

F'Għawdex, il-kultura tar-rakkolta tal-bizzilla kienet inbdiet f' ta' Sannat mill-Kappillan Dun Alessandru Cauchi fl-1859, u meta laħaq Dun Indrì kien diġà ilha ssir xi erba' snin. Il-ġabra kienet ssir f'Mejju jew Ġunju meta tkun riesqa l-festa ta' Santa Margerita. Kien joħroġ jiġbor il-Kappillan innifsu u n-nisa kienu

jagħtuh il-bizzilla li jkunu ħadmu għall-knisja matul dik is-sena. Min jaf kemm kienu jistinkaw ix-xbejbiet biex ikollhom x'jagħtuh!
Kull sena Dun Alessandru kien qed idaħħal somma sabiħa. Ħalla miktub li: l-ewwel sena daħħal 113-il skud, 6 tari u 18-il grana mill-bizzilla maħduma *gratis* mill-poplu ta' Sannat għall-knisja; is-sena ta' wara daħħal 63 skud, 9 tari u 8 grana; u f'Lulju tal-1861 daħħal 82 skud 10 tari u 16 il-grana mill-prezz tal-bizzilla li ħadmu bla ħlas in-nies ta' Sannat. Ma' dan irridu nżidu l-ewwel sett ta' trieħi bil-bizzilla tal-ħarir isfar li ktibt dwarhom fil-ħarġa *Parroċċa Santa Margerita Programm tal-Festa 2012*, u li għadhom jintramaw fil-festa sal- lum.
Imbagħad, il-Kappillan il-ġdid Dun Indrì nhar l-4 ta' Mejju 1864 nefaq skud, 10 tari u 16-il grana biex xtara żewġt islaleb ħa jagħtihom rigal lil żewġ tfajliet talli dawn ħadmu bizzilla għall-artal u ħallsu l-ħarir minn buthom (APS. CO 17, p119). Kien qed jirreferi għat-trieħi bil-bizzilla tal-ħarir isfar u x'aktarx li dawn ħadmu waħda kull wieħed. Dnub li isimhom baqa' ma tniżżilx!
Dan kollu juri li f'Ta' Sannat, bħall-bqija ta' Għawdex, il-biċċa l-kbira tat-tfajliet kienu jaħdmu l-bizzilla, filwaqt li x-xebbiet adulti u nisa avanzati kienu mitfugħin fuq l-insiġ. Skont iċ-Ċensiment li kien isir mill-Gvern kull għaxar snin juri li fl-1861 it-total ta' 380 mara kienu mqassmin hekk: 190 jaħdmu l-bizzilla, 14 kienu għażżiela tas-suf jew tat-tajjar u 49 kienu nissieġa. La kienu mniżżla fl-istatistika tal-gvern ifisser li dawn kienu qed jaħdmu bi qliegħ. In-negozju tal-bizzilla f'Għawdex kien qed jieħu r-ruħ, anzi kien beda jieħu post l-insiġ għaliex din is-sengħa li kienet saret popolari fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa kollha, kellha tirrendi qliegħ kbir lill-Għawdxin matul l-aħħar snin tas-seklu dsatax. Fit-tabelli ta' hawn taħt naraw kif in-numru ta' dawk li jaħdmu l-bizzilla kien qed jiżdied matul l-ewwel snin tal-Kappillan Vella f'Ta'Sannat.

**Statistika tal-ħaddiema tal-bizzilla f'Ta' Sannat 1861**

| Età | Popolazzjoni (F) | Ħaddiema |
|---|---|---|
| 05 – 10 snin | 57 | 23 |
| 10 – 15 sena | 44 | 42 |
| 15 – 20 sena | 36 | 33 |
| 20 – 25 sena | 42 | 38 |
| 25 – 30 sena | 27 | 21 |
| 30 – 35 sena | 32 | 17 |
| 35 – 40 sena | 22 | 9 |
| 40 – 45 sena | 35 | 4 |
| 45 – 50 sena | 20 | 1 |

**Statistika tal-ħaddiema tal-bizzilla f'Ta' Sannat 1871**

| Età | Ħaddiema |
|---|---|
| 5 – 10 snin | 15 |
| 10 – 15 sena | 64 |
| 15 – 20 sena | 59 |
| 20 – 25 sena | 37 |
| 25 – 30 sena | 26 |
| 30 – 35 sena | 26 |
| 35 – 40 sena | 20 |
| 40 – 45 sena | 20 |
| 45 – 50 sena | 9 |
| 50 – 55 sena | 5 |
| 55 – 60 sena | 2 |

### It-tkabbir tal-knisja u d-dħul mix-xogħol tal-bizzilla

Waħda mill-ikbar opri mwettqa minn dan il-Kappillan kienet it-tkabbir tal-knisja li kien ilu jipprepara għalih sa minn meta laħaq fl-1863. Kien qabbad lill-Kanonku Kamil Cassar mir-Rabat, magħruf bħala wieħed mill-aqwa disinjaturi tal-bizzilla Għawdxija biex jagħmillu disinn għall-prospettiva tal-kor. It-tkabbir proprju tal-knisja biex jinbnew iż-żewġ kappelluni beda wara l-festa tal-1867 u dam sejjer matul l-1868. Kif intemm għalkollox ix-xogħol, intramaw fihom iż-żewġ artali, jiġifieri l-artal tar-Rużarju u dak tal-Erwieħ. Kienet ħaġa minn ewl id-dinja li kif il-pittur kien imqabbad fuq id-disinn tal-kor, jagħmel ukoll disinn għall-bizzilla tat-trieħi tal-artali l-ġodda. Għalhekk id-disinn tal-bizzilla tal-ħarir isfar tat-trieħi ta' dawn iż-żewġ artali hi maħduma fuq stil differenti mill-bqija. Kamil Cassar aktarx li kien ispirat u joqrob ħafna lejn l-istil tal-Kanonku Salvatore, promotur ewlieni fir-Rabat Għawdex li kien jisħaq li l-bizzilla għandha tkun maħduma fuq disinn, mhux bl-amment, biex tkun eżatta perfetta u tingħoġob. Sa dan iż-żmien Bondì kien diġà miet.
Fl-1881, wara qabża ta' 13-il sena, il-Kappillan Vella qatagħha li jkompli jkabbar il-knisja billi jtawwal il-korsija fejn żdiedu żewġ artali oħra. Id-disinn tal-faċċata l-ġdida tal-knisja ġie afdat f'idejn il-Pittur Clemente Busuttil, li fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax allura kien hu l-aqwa disinjatur tal-bizzilla f'Għawdex. Ma setax jonqos għalhekk li għat-tliet artali l-ġodda, jiġifieri dak tal-kor, ta' San Franġisk u ta' San Pawl, tinħadem bizzilla tal-ħarir isfar biex tkompli mas-sett ta' qabel, din id-darba fuq id-disinn ta' Clemente Busuttil. Għalhekk, il-bizzilla ta' dawn l-artali tirrifletti l-istil modern tad-disinn skont ma żviluppah Busuttil. Mal-linji ġeometriċi, issa għandna l-introduzzjoni ta' figuri fis-simboli tal-qaddis li jġib l-isem tal-artal li għalih ġiet

maħduma l-bizzilla, bħalma huma: l-palma u l-kuruna ta' Santa Margerita, l-idejn ta' San Franġisk, is-sejf ta' San Pawl u l-fjuri tal-Madonna.

**Il-bizzilla tal-knisja**

Fi żmien il-Kappillan Vella, l-industrija tal-bizzilla f'Għawdex kienet fl-aqwa tagħha. L-ewwel ma kienet tgawdi minn dan kienet il-knisja tal-parroċċa. Kien hemm żewġ tipi ta' bizzilla tal-knisja: dik li l-parroċċani kienu jaħdmu bla ħlas għat-tiżjin fil-knisja bħalma kienu t-trieħi tal-artali u dik kummerċjali maħduma nhar ta' Ħadd biex meta tinbiegħ il-flus tagħha jmorru għall-knisja. Is-sistema kienet li ma kull knisja kien hemm marbut negozjant (aktarx qarib tal-kappillan) li jiġi regolarment jiġbor il-bizzilli maħduma u jħalli ordnijiet ġodda u ħajt biex ix-xebbiet ikollhom x'jaħdmu. Il-biċċa l-kbira n-negozjant ma kienx iħallas lill-kappillan bi flus, minflok kien jibdel il-prezz ma' oġġetti, drapp bħal damask, arġenterija u tiżjin ieħor għall-knisja. Per eżempju fis-26 ta' Diċembru 1878 qata' l-kont ta':

| | |
|---|---|
| Żewġ dalji tad-damask aħmar | 3 scudi 7 tari 4 grani |
| Żebgħa għat-tapit | 1 scudo |
| Lampa għas-sagristija | 3 scudi 9 tari |
| Mazz fjuri tal-ganutell għall-Isqof fil-vista | 12-il scud |
| Tron ġdid tal-isqof | 13-il cud |
| B'kollox 42 Scud 4 tari u 4 grani li se jitħallsu mill-flus tal-bizzilla. (APS CO17, p130) | |

Mill-ewwel tiġi f'moħħna l-mistosija: Kif kienu qed jitgħallmu jaħdmu dawn it-tfajliet? Veru li sa daż-żmien kienu fetħu l-iskejjel tal-gvern fl-irħula, però kien hawn il-mentalità li l-bniet ma kellhomx bżonn skola u aħjar joqogħdu jaħdmu d-dar. Allura kien jieħu f'idejh il-Kappillan, u ħafna drabi fid-dar tiegħu stess, kien jorganizza klassi tal-bizzilla, bil-*maestra* tagħhom xi xebba li tkun tgħallmet xi mkien ir-Rabat, jew fil-Konservatorju jew privat għand l-aħwa Marianna u Ġenesia Attard jew aktar tard meta twaqqfu s-sorijiet għand Madre Margherita.

Is-suċċess tas-saħħa li kellha l-knisja fuq il-bizzilla deher meta fl-1887 tħabbret li kellha ssir għar-raba' darba Wirja tal-Artiġjanat f'Londra u fost id-disa' kompetituri li daħlu b'kollox minn Malta, kien hemm erba' Għawdxin. Dawn kienu l-erba' Kappillani: Dun Ġwann Andrea Vella ta' Sannat, Dun Giovanni Camilleri tan-Nadur, Dun Paolo Ciantar tax-Xewkija u Dun Ġużepp Diacono tal-Qala. Milli jidher dawn il-parroċċi kienu għaqda waħda u kienu jikkupjaw minn xulxin is-sistemi li kienu jirnexxu. Kien progress f'waqtu għax tista' tgħid kullimkien kienu qed jibnu jew ikabbru l-knejjes u għal dan kellhom bżonn mhux biss xogħol manwali voluntarju imma wkoll ta' ħafna introjtu.




*Andrea Vella - liebes uffiċjalment bħala Arċipriet Ta' Sannat*

Interessanti li fin-Nadur, meta kienu jibnu n-navi, il-Kappillan qabbad ħafna mħaded bil-bizzilla u x-xogħol kien jorganizzah bix-xift: jidħol grupp jaħdem u meta joħroġ jidħol grupp ieħor ikompli fejn ħalla ta' qablu. Hekk kien ikollu l-jum kollu għaddej ix-xogħol fuq l-imħaded kollha. Trid tkun veru Għawdxi biex jgħaddilek minn moħħok tħaddem sistema bħal din li żgur ħalliet ħafna qliegħ! Bejnietna, ma sibtha mkien din, imma mhix ħaġa kbira li hawn f'Ta' Sannat kienu jagħmlu l-istess għax il-Viċi Kurat tan-Nadur Dun Salv Vella, kien ħu Dun Indrì li għamel 40 sena surmast tal-iskola tal-gvern u kien attiv ħafna fil-parroċċa tan-Nadur. Fil-fatt spiċċa hawn Ta' Sannat jgħin lil ħuh u jinsab midfun fil-qabar tal-familja li hemm fil-kappellun tal-Kurċifiss.

**L-ewwel Arċipriet ta' Sannat**

Sadattant kompla x-xogħol fuq il-faċċata. Ġew imtellgħin żewġ kampnari, inbidel l-arloġġ il-qadim tal-knisja, u nħadmet qanpiena kbira għall-kampnar tal-Lvant. Meta temm il-ħlasijiet tal-bini, il-Kappillan Vella ħaseb biex ikabbar is-sagristija tan-naħa tal-Lvant u tlestiet qabel il-festa tal-1888, għeluq il-mitejn sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Dik is-sena saret festa kbira, iżżanżnet is-sagristija l-ġdida u nfetħet il-pjazza ta' quddiem il-knisja mkabbra kif inhi llum. F'Diċembru 1893 il-parroċċa ta' Sannat ġiet imgħolliha

għall-unur arċipretali bil-Kappillan Dun Indrì li kien sar l-iżjed anzjan fost il-kappillani ta' Għawdex bħala l-ewwel **Arċipriet**.
Kompla d-dħul mill-bizzilla hekk li f'Ġunju 1897 daħħal £10 (l-uniku valuta legali saru l-flus Ingliżi). Fil-15 ta' Lulju 1897 mis-somma ta' £15.4s 10½d mill-bejgħ tal-bizzilla ħallas ir-rakkmu ta' velu tal-leġiju u ta' velomeral tal-bellus, għamel gwarniċa għat-tron tal-Isqof, u xtara żewġ missali. F'Awwissu daħħal £9 u sena wara mill-bejgħ tal-bizzilla ħallas £4.10s 8d f'gallun tad-deheb fin għal żewġ tuniċelli tal-bellus aħmar. (APS. CO 20, p330)
Iktar tard qabdu s-sistema li mal-bizzilla jqassmu l-flieles biex irabbuhom fil-btieħi mat-tiġieġ u meta jinġabru jbigħuhom għall-knisja. Allura kien jirrekordja somma mhux ħażin għal dak iż-żmien mir-rakkolta tal-bizzilla u t-tiġieġ *dal profitti di merletti e galline*.
Minkejja l-piż tal-bini, l-Arċipriet irnexxielu jżid ħafna opri sbieħ fil-knisja u kien jagħmel ħiltu ħalli kull sena għall-festa tiżżanżan xi ħaġa, bħall-orgni tad-Ditta Cavalli. Għal dan kellhom ikabbru l-gallerija bil-pjanta u x-xogħol jitmexxa minn Dun Ġużepp Diacono. Anki dan kien marbut sewwa mal-bizzilla għaliex kien il-fundatur tas-Sorijiet Franġiskani fir-Rabat u wkoll tal-Casa Pia Industriale fix-Xagħra, it-tnejn imwaqqfin apposta għat-tagħlim tal-bizzilla. Pitter ukoll għadd kbir ta' disinni u ħalla dokumentarju fejn semma s-somom ta' flus li l-Għawdxin kienu qed idaħħlu mill-bizzilla. F'Ġunju 1908 ħallsu karozza biex Diacono jiġi jagħmel konsulta fuq il-gallerija. Reġgħu ġabuh f'Marzu ta' wara u f'Lulju 1909 offrewlu 4 tiġiġiet bħala rikonoxxenza għad-direzzjoni u s-sorveljanza tax-xogħol. (APS. CO 20, p332)
Il-knisja kien jonqosha ħaġa waħda biss – il-bini tal-koppla. Jekk is-Sannatin kien ilhom jagħtu mill-aħjar li jistgħu, għal dan il-għan stinkaw fuq li stinkaw. Nisa u tfal ilkoll taw sehemhom, sal-Arċipriet li issa kellu 76 sena kien ikun fuq il-bejt. Il-ġebla li għalqet l-anterna tqiegħdet quddiem folla kbira ta' nies nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru 1910. L-iktar bniedem ferħan dakinhar kien l-Arċipriet Vella. Fi kliem Bezzina: Il-koppla tista' titqies bħala l-inkurunament ta' ħidmietu fir-raħal u fil-veru sens, il-monument tiegħu.
Nhar il-Ħadd 23 ta' Ottubru 1910 l-Isqof Ġwann Marija Camilleri bierek il-knisja u tkanta t-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla li kollox intemm b'wiċċ il-ġid.

**Lejn it-tmiem**
Billi saħħet l-Arċipriet bdiet tonqsu, l-Isqof Camilleri ħatar lil Dun Salv Portelli minn San Lawrenz bħala Vigarju Kurat biex imexxi minfloku. Għamel ħafna ġid fir-raħal ta' Sannat fejn dam sa Novembru tal-1913 meta laħaq Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb fejn kompla jimxi fuq il-passi tal-Arċipriet Vella f'Ta' Sannat. Warajh laħaq Vigarju Dun Anton Grima mir-Rabat. Dawn il-Vigarji t-tnejn kienu ġejjin minn familja ta' ħames aħwa saċerdoti. L-ewwel Arċipriet ta' Sannat miet it-Tnejn 21 ta' Frar 1916. Il-funeral kien xhieda tal-imħabba li kellhom lejh in-nies tar-raħal u Għawdex kollu.
Wara li tkunu qrajtu dan u fil-festa tinvistaw il-knisja parrokkjali, itfgħu ħarsitkom 'l fuq lejn il-koppla u agħtu daqqa t'għajn lejn il-bizzilla tal-ħarir isfar fuq l-artali, ħalli tiftakru f'kemm ħadmu dawk ta' qabilna biex illum nistgħu ngawdu dawn l-opri sbieħ li ħallewlna.

Referenzi: Joseph Bezzina *Sannat Fi Ġrajjet Għawdex* / Consiglia Azzopardi *Teżijiet mhux publikati fuq l-istorja tal-bizzilla* / NAG. Ċensimenti / Reġistri tal-Knisja Sannat, Nadur, Għarb / Ħajr lil individwi li għaddewli informazzjoni orali fuq is-suġġett



Ganni s-Singlu

Għal kull tip ta xogħol ta'
Madum, żeba, tikħil u membrane.
Scaffolding u crane
ta' fuq il-bjut għal kiri.
Ċempel 79564130, 99564130